**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 54** **14 ta' Novembru 2023**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn, 14 ta' Novembru 2023, fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri – Kunsillier

Andrew Cassar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Kearon Bruno – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku John Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**54.1** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 53**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 53, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 53 ġew approvati b'mod unanimu.

**54.2** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

54.2.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li x-xogħlijiet fuq il-letrina tlestew u se jkun qed jistieden lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli sabiex tinawgura l-letrina.

54.2.2

Is-Sindku John Schembri nfurma li nhar it-23 ta Novembru fil-11 ta filgħodu se ssir żjara mill-Ministru Aaron Farrugia fit-toroq tal-lokalita'.

54.2.3

Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill għandu talba mid-Dipartiment tal-
54.2.4 Libreriji sabiex il-Kunsill jixtri b'€ 1000 kotba għall-istess librerija. Il-Kunsill approva din in-nefqa.

54.2.5

Is-Sindku John Schembri fakkar lill-membri li l-Ġimgħa 1 ta' Diċembru se tinżamm l-attivita' tar-Reġjun Nofsinhar.

54.2.6

Is-Sindku John Schembri nfurma li bħalissa għaddejjin bil-preparamenti għall-attivita kulturali li se tinżamm nhar il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru fit-toroq tal-lokalita'.
**52.4** Il-Kunsillier Eric Camilleri infurma li l-attivita' se tibda' għall-ħabta tas-6.00p.m. fi Pjazza Sant'Andrija. Se jkunu qed jintramaw stalls tul Triq id-9 t'April u Triq Sant'Andrija.

52.4.1

Is-Sindku John Schembri nfurma li fl-okkażjoni tal-festa Liturġika ta Sant'Andrija se tkun qed issir il-ħarġa għall-Għawdex, nhar il-Ħadd 3 ta' Diċembru.

**Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali**

52.5 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza fejn infurma li hemm persuna li uriet l-interess li tapplika għall-kariga tas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku spjega li kien ikun aħjar kieku kien hemm aktar minn persuna waħda nteressata sabiex il-Kunsill ikun jista' jevalwa aħjar kandidat għal din il-kariga. Is-Sindku ppropona li jinħatar bord indipendenti sabiex jagħmel l-intervista lill-applikant. Il-Kunsill approva.

**Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

Il-Kunsillier Eric Camilleri ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

Il-Kunsillier Frederick Aquilinassekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 6 ta' Diċembru 2023 fil-5.30p.m.

Konfermati, llum ______________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |